Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 494/2015

**Joseph Borg [ID. 365478M] f'ismu proprju u eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem A & J Quality Products**
**(appellat)**

**Vs**

**Ludwig Calleja u b' digriet datat 23 ta' Settembru, 2015 ġie kjamat fil-kawża Keith Balzan Gera**
**(appellant)**

6 ta' Ottubru, 2017.

1. Permezz ta' Avviż ta' Talba[1] datat 16 ta' Ġunju 2015, l-attur Joseph Borg, f'ismu proprju u eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem A & J Quality products, talab li l-konvenut Ludwig Calleja għandu jiġi dikjarat debitur tiegħu fis-somma ta' €1,497.83 rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' merkanzija rigwardanti l-fattura numru 44144, liema fattura ġie interpellat iħallas iżda baqa' inadempjenti, bl-imgħax legali relattiv mit-12 ta' Diċembru 2013 sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż.

2. Permezz ta' risposta[2] ppreżentata fid-29 ta' Lilju 2015, il-konvenut wieġeb li t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li n-negozju ma sarx ma' l-esponent personalment u f'kull każ huwa responsabbli għall-kreditu Keith Gera (ID 0502789(M) li għandu jiġi kjamat in kawża. Mingħajr preġudizzju u in pessima ipotesi, għandu jwieġeb biss għal nofs il-kreditu li tal-volta jirriżulta dovut lir-rikorrent, salv li r-rikorrent jipprova tali kreditu.

3. B'risposta ppreżentata fit-28 t' Ottubru 2015,[3] il-kjamat in kawża wieġeb li t-talbiet fil-konfront tiegħu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li hu ma kellux rapport ġuridiku mal-attur fuq negozju li kellu ma Ludwig Calleja.

[1] Fol. 1
[2] Fol. 7
[3] Fol. 12

4. Permezz ta’ sentenza datata 29 ta’ Settembru 2016, it-Tribunal għal Talibiet Żgħar qata u ddeċieda l-każ billi filwaqt li ċaħad l-eċċezzjonijiet kollha mqanqla mill-konvenut Ludwig Calleja, illibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-kjamat fil-kawża Keith Balzan Gera u konsegwentment ikkundanna lill-konvenut Ludwig Calleja jħallas lir-rikorrenti l-ammont ta’ elf erba’ mija sebgħa u disgħin euro u tlieta u tmenin ċenteżmi ta’ euro (€1,1497.83) bl-imgħaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mit-12 ta’ Diċembru 2013 sad-data tal-ħlas effettiv.

5. Illi minn din is-sentenza appella l-konvenut Ludwig Calleja. L-aggravju tiegħu huwa li l-apprezzament tal-fatti li għamel it-Tribunal ma jaqax fil-parametri tar-raġenevolezza in kwantu l-ġudikant għażel li jemmen il-verżjoni mogħtija mill-kjamat in kawża a skapitu tat-teżi tiegħu minkejja li l-verżjoni tal-kjamat in kawża kienet mimlija kontradizzjonijiet u kontradetta ukoll mill-konvenut u d-dokumenti eżebiti. Konsegwenza ta’ tali apprezzament erronju tal-fatti saret applikazzjoni ħażina tal-liġi peress li l-konvenut u l-kjamat in kawża kienu bi sħab flimkien fin-negozju u l-materjal ġie supplit lit-tnejn li huma b’dan illi huma debituri in solidum ta’ l-attur u kull wieħed minnhom għandu jerfa nofs dik iċ-ċifra mingħajr il-ħtieġa ta’ proċedutri ġudizzjarji multipliċi ta’ rivalsa.

6. Illi permezz ta’ risposta datata 4 ta’ Jannar 2017, Keith Balzan Gera wieġeb li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u jistħoqqilha konferma. Żied jgħid ukoll li l-verżjoni tiegħu kienet korraborata mill-istess atturi illi mexxew kontra Ludwig Calleja. F’kull każ, l-appell kif interpost ma jistax jeradika s-sentenza appellata in kwantu t-talba fir-rikors tal-appell għat-tħassir *in toto* tas-sentenza appellata, ċioé anké fil-konfront tal-attur Joseph Borg, tikkozza mal-fatt li l-appellant ammetta li l-ammont huwa dovut lill-attur u l-aggravju tiegħu huwa limitat għall-pretensjoni li tali ħlas isir nofs bin-nofs bejnu u l-kjamat in kawża.

7. Da parti tiegħu Joseph Borg, f’ ismu proprju u eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem A & J Quality Products, wieġeb li is-sentenza appellata hija ġusta u jistħoqqilha konferma stante li r-relazzjoni ġuridika tar-rikorrenti kienet unikament mal-konvenut Ludwig Calleja li ammetta li l-ammont intier mitlub kien attwalment dovut lir-rikorrent.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

8. Illi l-<u>fatti</u> kif jirriżultaw mill-inkartament huma s-segwenti:
   - Fl-udjenza tad-29 t’ Ottubru 2015, il-konvenut Ludwig Calleja iddikjara li l-ammont reklamat mir-rikorrenti huwa dovut fl-intier tiegħu u ma

jeħtieġx li titressaq prova dwar l-ammont mitlub. Il-kontestazzjoni tal-konvenut peró hija li dan l-ammont huwa dovut nofsu minnu u nofsu mill-kjamat fil-kawża Keith Balzan Gera, u dan peress li bejniethom kien jeżisti ftehim ta' sħab indaqs. Il-kjamat fil-kawża, filwaqt li qabel li kien hemm arranġament partikolari fuq xogħlijiet oħrajn, ivverbalizza li fuq ix-xogħol relatat mal-ordni in kwistjoni huwa ma kellux x' jaqsam mal-konvenut;[4]

- **Justin Farrugia**, salesman tal-prodotti tal-elettriku mal-attur, xehed[5] li l-konvenut Ludwig Calleja huwa klijent tagħhom. Eżebixxa ammont ta' fatturi u credit note immarkati '**Dok JB1**' sa '**Dok JB4**' kif ukoll *statement* datat 22 ta' Settembru 2015[6] minn fejn jirriżulta li l-bilanċ dovut lill-attur huwa fl-ammont ta' €1,497.83. Ikkonferma li d-*delivery* kien għamilha hu f' binja f' San Ġiljan. F'żewġ okkażjonijiet, kien iffirma għall-materjal Keith Balzan Gera peress li Ludwig Callejja kien informa lix-xhud biex iħalli x-xogħol miegħu. Hu ikkonferma li l-firma fuq **Dok. JB3**[7] kienet tal-kjamat fil-kawża. Xehed ukoll li l-kjamat fil-kawża kellmu biss *on site*. Kien unikament Ludwig Calleja li għamel l-ordnijiet u taħ id-dettalji li hemm fuq il-fattura. Qal ukoll li '*għar-rigward tal-ordni l-kbira dik li hija mmarkata bid-dokument JB3 jiena ngħid illi dak konna morna on site u qadna nduru item item ma' Ludwig Calleja.'* ;

- Minn kopja tax-xhieda mogħtija mill-kjamat fil-kawża fis-16 ta' Diċembru 2014 f' kawża oħra bin-numru 341/2013 fl-ismijiet ***Calleja Ludwig vs Urry Carol***[8] jirriżulta li l-kjamat fil-kawża kien jaħdem ma' Ludwig Calleja u sussegwentement, daħal jaħdem bi sħab miegħu: '*Qed niġi mistoqsi in kontro eżami kemm wara li spiċċa x-xogħol tas-Sinjura Urry meta bdejna naħdmu bi sħab jiena ngħid li madwar sitt xhur wara ... Jien nikkalkula li ilna li spiċċajna minn Ġunju ta' din is-sena ...'*. Permezz ta' ittra uffiċjali datata 14 ta' Lulju 2015, Ludwig Callejja kien interpella lill-Keith Balzan Gera jħallsu s-somma ta' €19,000 rappreżentanti valur ta' għodda, ħlasijiet lil terzi għal xogħol li kien sar bi sħab u spejjeż inkorsi mill-mittent wara li Balzan Gera abbanduna xogħol li allegatament kien tħallas għalih;[9]

[4] Fol. 14 u 15
[5] Fol. 16 et seq.
[6] **Dok JB5** u **Dok JB6** a fol. 23 u 24
[7] Fol. 21
[8] **Dok. LC1** fol. 29 et seq.
[9] **Dok LC2** fol. 32

- **Ludwig Calleja** eżebixxa *chequebook* tal-*Bank of Valletta* marbut mal-kont numru 40021619278 fl-ismijiet '*Mr. Ludwig Calleja & Mr. Keith Balzan*'[10] u fix-xhieda tiegħu[11], filwaqt li stqarr li hu l-kjamat fil-kawża kienu jaħdmu bi sħab fuq il-blokka ta' appartamenti ġewwa San Ġiljan għall-klijent bl-isem Joseph Camenzuli, irrefera għall-mamma tac-*cheque* numru 16 maħruġ minn Keith Balzan fl-1 ta' Ġunju 2013 lill-impjegat tagħhom jismu '*Alex*' fl-ammont ta' €1,269. Irrefera ukoll għal mamma ta' *cheque* ieħor maħruġ mill-kjamat fil-kawża fit-23 t' Awissu 2013 fl-ammont ta' €1,500 lil '*Simon*' li jaħdem għal rasu u qiegħed il-madum.[12] Qabel li c-*chequbook* jien jinżamm f'idejh u li d-dettalji fuq il-fattura eżebita a fol. 19 ingħataw minnu lil Justin Farrugia;

- **Keith Balzan Gera** xehed[13] illi għalkemm ġieli għamel xi xogħol bi sħab mal-konvenut, fil-blokka fejn tqiegħed il-materjal pprovdut mir-rikorrent u li dwaru hemm il-kawża odjerna huwa ma kellu x' jaqsam xejn. Qal li kien qiegħed jaħdem f'blokka oħra ħdejn Dean Hamlet ġewwa San Ġiljan bi sħab mal-konvenut u dan tal-aħħar kien talbu biex imur jgħodd xi xogħol li jien se jiġi kkunsinnat ġo blokka oħra li l-konvenut kien qed jaħdem fuqha u jiffirma għalih peress li kellu appuntament l-isptar u ma kienx se jlaħħaq u hekk għamel. Rigward il-kont konġunt spjega li l-konvenut kien qallu li kien hemm diversi sekwestri kontrih u allura ma setgħax jaħdem u għalhekk infetaħ il-kont konġunt u nħarġu ċikkijiet f' ismu. Ippreżenta statement ta' dan il-kont bankarju flimkien maċ-ċekkijiet relattivi[14] minn fejn jirriżultaw, *inter alia,* depożiti ta' flejjes li kien sellifhom missieru u li qatt ma ġew riżarċiti. Dan il-kont ingħalaq da parti tiegħu iżda ma setgħax jingħalaq kompletament mingħajr il-firma u l-kunsens tal-konvenut li skontu baqa' joħroġ iċ-ċekkijiet fuq l-imsemmi kont.[15]

9. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet dwar il-provi prodotti:

> *'6. Il-kwistjoni f'dan il-każ ma hijiex il-kont. Dan jirriżulta dovut. L-intimat anzi jammettieh skont ma jirriżulta mill-verbal datat 29 ta' Ottubru, 2015 (fol. 14). Il-kwistjoni hija bejn l-intimat u l-kjamat filk-awża. Dan fis-sens li filwaqt li l-intimat jgħid li huwa kien sħab mal-kjamat fil-kawża f' din il-biċċa xogħol li għaliha użaw l-oġġetti li inxtraw mingħand ir-rikorrenti u*

[10] Fol. 39
[11] Fol. 37 et seq.
[12] Cheque 51
[13] Fol 39C et seq.
[14] **Dok KBG1** fol. 40 et seq.
[15] L-unika indikazzjoni li ngħalaq il-kont hija tranżazzjoni '*13.Jul.14 Account Close*' fol. 45

*għalhekk kull wieħed minnhom irid iħallas nofs l-ammont reklamat, il-kjamat fil-kawża jgħid li huwa ma għandu jagħti xejn l-għaliex għalkemm huwa minnu li kien hemm xi xogħolijiet li hu u l-intimat ħadmu bi sħab, din tal-lum ma hijiex wahda minnhom.*

*7. Fil-proċeduri l-oħra*[16] *quddiem dan it-Tribunal diversament kompost kien xehed il-kjamat fil-kawża odjern nhar is-16 ta' ta' Diċembru, 2014 u fost affarijiet oħra qal li "jiena nikkalkula li ilna li spiċċajna minn Ġunju ta' din is-sena u ċioe madwar sitt xhur" (fol. 30). "Ġunju ta' din is-sena" hija referenza għal-2014 meta kien xehed hu quddiem it-Tribunal.*

*8. Id-dokumenti kollha esebiti minn Justin Farrugia (fol. 19 sa 24) kollha jirreferu għal qabel dan il-perjodu u għalhekk it-Tribunal qiegħed jifhem, anké a bażi tax-xhieda mogħtija mill-kjamat fil-kawża kif hawn fuq riportata, li l-intimat u l-kjamat fil-kawża kienu f'dak iż-żmien sħab fix-xogħol. Il-problema li hemm hija li l-kjamat fil-kawża sostna li l-ftehim ta' sħab tagħhom ma kienx japplika għal kull biċċa xogħol li kien ikollhom iżda kienu jkunu sħab fuq biċċa xogħol partikolari. Dan il-każ, sostna l-kjamat fil-kawża ma kienx wieħed minnhom.*

*9. Mid-dokumenti esebiti, jirriżulta li hemm kont komuni bejn il-partijiet miżmum mal-Bank of Valletta u li anké cheque book komuni hemm. L-intimat bl-ebda mod ma ikkontradiċa dak li qal il-kjamat fil-kawża fuq dan il-punt. Pero, kif diġa ingħad, il-kjamat fil-kawża jgħid li l-ftehim ta' sħubija bejniethom kien on a case by case basis. Kien għalhekk imiss lill-intimat li jipprova li dak li kien qiegħed jallega l-kjamat fil-kawża u ċioé li din il-biċċa xogħol ma kienitx ittieħdet bi sħab bejniethom ma kellhiex mis-sewwa. L-intimat, fil-fehma tat-Tribunal ma rnexxielhux jilħaq il-grad rikjest għal konvinċiment morali tiegħu sabiex jegħleb dak li sostna l-kjamat fil-kawża. L-intimat ma ċaħadx li kien hemm biċċtejn xogħol għaddejjin f' daqqa San Ġiljan, waħda fejn ittieħed il-materjal in kwistjoni u oħra fejn id-Dean Hamlet. Kienet din l-aħħar bicca xogħol li skont il-kjamat fil-kawża kienet qegħda tinħadem bi sħab bejn il-partijiet. It-Tribunal, huwa tal-fehma li din il-biċċa xogħol li kienet qegħda issir ġewwa San Ġiljan ma kienitx bi sħab, u li l-oġġetti li inxtraw mingħand ir-rikorrenti kienu biss għal użu esklussiv tal-intimat. Ma hemm xejn x'jindika fl-atti proċesswali li dan mhux il-każ. Għalhekk, l-intimat ma rnexxielux jissodisfa lit-Tribunal l-għala l-kjamat fil-kawża għandu jħallas sehemu mill-ammont dovut. Konsegwentement, it-Tribunal sejjer jillibera lill-kjamat fil-kawża mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*10. Illi dwar l-ammont ma hemmx kontestazzjoni kif diġa rajna skont ma jirriżulta mill-verbal datat 29 ta' Ottubru, 2015 (fol. 14).'*

10. L-appellant jikkontendi li l-apprezzament tal-fatti li għamel it-Tribunal ma jaqax fil-parametri tar-raġenevolezza in kwantu l-ġudikant għażel li jemmen il-verżjoni mogħtija mill-kjamat in kawża a skapitu tat-teżi tiegħu minkejja li l-

[16] ***Ludwig Calleja vs Carol Urry*** (Talba Nru. 341/2013) deċiża fit-28 ta' Jannar, 2015

verżjoni tal-kjamat in kawża kienet mimlija kontradizzjonijiet u kontradetta ukoll mill-konvenut u d-dokumenti eżebiti.

11. L-appellant jgħid li '*oriġinarjament il-kjamat in kawża pprova jagħti x' jifehm li fiż-żmien in kwistjoni huwa ma kienx għadu bi sħab mal-konvenut iżda dan ġiet kontradetta mix-xhieda tiegħu stess'.* Dan mhuwiex il-każ. Jirriżulta mir-risposta tal-kjamat in kawża li l-posizzjoni tiegħu kienet li huwa ma kellu ebda rapport ġuridiku mal-attur fuq in-negożju li kellhom ma Ludwig Calleja.

12. Dan ġie kkonfermat minn Justin Calleja, *salesman* mal-attur, li kkonferma li l-ordni relattiva għall-invoice in kwistjoni saret *item item* minn Ludwig Calleja li fornixxa d-dettalji tiegħu li jhidru fuq il-fatturi eżebiti.[17] In kontro-eżami żied jispjega li d-*delivery* tħalliet San Ġiljan mal-kjamat in kawża fuq struzzjonijiet tal-konvenut. Lill-kjamat in kawża kien biss kellmu *onsite* u nnega li Balzan Gera qatt għamel xi ordni fuq il-kont tal-konvenut. Ġol-ħanut tal-attur il-kjamat in kawża qatt ma kellmu u l-ordinijiet dejjem saru mill-konvenut.

13. Fix-xhieda mogħtija mill-kjamat in kawża odjern fil-proċeduri l-oħra numru 341/2013 DMA fl-ismijiet ***Calleja Ludwig vs Urry Carol***, eżebita mill-konvenut f' dawn il-proċeduri, il-kjamat in kawża jgħid li beda jaħdem bi sħab ma' Ludwig Calleja sitt xhur wara li ntemmu ix-xogħlijiet għand il-konvenuta f' dawk il-proċeduri, ma jagħti l-ebda data meta ntemmu tali xogħlijiet. Madanakollu, mill-istatements relattivi għall-kont li kellhom il-kjamat in kawża u l-konvenut konġuntivament jirriżulta li l-ewwel tranżazzoni saret f' Mejju tal-2013 u li l-kont ingħalaq f' Lulju 2014. Dan jikkonċidi mal-fatt li fix-xhieda tiegħu quddiem dan it-Tribunal diversament kompost, il-kjamat in kawża odjern iddikjara li huwa li waqaf jaħdem bi sħab mal-konvenut madwar Ġunju 2014. S'hawnhekk, din il-Qorti ma tara ebda kontradizzjoni allegata mill-konvenut u lanqas ma tirraviża xi żball ta' fatt fis-sentenza appellata in kwantu it-Tribunal wasal għal konklużjoni fattwalment korretta li l-fatturi relattivi għall-pretensjoni attriċi jirreferu għall-perjodu meta l-konvenut u l-kjamat fil-kawża kellhom xogħol bi sħab.

14. Il-fatt li l-konvenut u l-kjamat in kawża kellhom kont konġunt għal xogħol li huma ntraprendew bi sħab xulxin m'huwiex kontestat. Dak li iżda wassal lit-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu kien li l-konvenut ma ġab ebda prova li tikkontradiċi dak li kien qiegħed isostni l-kjamat fil-kawża, u ċioé, li din il-biċċa xogħol partikolari ma kinitx ittieħdet bi sħab bejniethom.

---

[17] '**Dok JB1**' sa '**Dok JB5**'

15. Din il-Qorti taqbel li l-fatt li l-konvenut u l-kjamat in kawża kellhom kont bankarju komuni u xi xogħol bi sħab ma jeskludix li l-intimat seta' kellu xogħol ieħor għal rasu kif sostnut mill-kjamat in kawża. Huwa mifhum ukoll li x-xhieda mogħtija mill-kjamat in kawża odjern fil-proċeduri l-oħra numru 341/2013 DMA fl-ismijiet ***Calleja Ludwig vs Urry Carol*** ingħatat fil-kuntenst taċ-ċirkostanzi f' dawk il-proċeduri u għalhekk, għalkemm f' dik l-okkażjoni Kieth Balzan Gera kkonferma li kien jaħdem bi sħab mal-konvenut, dan ma jeskludix li fl-istess perjodu l-konvenut kellu xogħol ieħor indipendentement minn dak intrapriż ma' Balzan Gera. Effettivament, fix-xhieda tiegħu, l-anqas Ludwig Calleja ma eskluda li kellu xogħlijiet oħra apparti dawk bi sħab ma' Balzan Gera u fl-ebda waqt ma ċaħad li kien hemm biċċtejn xogħol għaddejjin f'daqqa ġewwa San Ġiljan, waħda li dwarha Balzan Gera ma kellux x'jaqsam fejn ittieħed il-materjal in kwistjoni u oħra fejn id-Dean Hamlet li kienet qegħda tinħadem bi sħab mal-kjamat in kawża kif dikjarat minn dan tal-aħħar.

16. L-appellant jikkontendi iżda li l-fatt li l-fornitura rċeviha l-kjamat fil-kawża hija prova li dan ix-xogħol kien bi sħab bejniethom. Din il-Qorti hija tal-fehma li hemm distinzjoni netta bejn persuna li tgħamel ordni ta' xogħol, u li hija għalhekk responsabbli għall-ħlas relattiv, u l-persuna li rċeviet l-ordni meta saret il-konsenja. Għal darb' oħra ssir referenza għad-deposizzjoni ta' Justin Calleja li kkonferma li:

- l-ordni relattiva għall-invoice in kwistjoni saret minn Ludwig Calleja;
- il-kjamat in kawża ma għamel l-ebda ordni fuq il-kont tal-konvenut;
- Ludwig Calleja nnifsu ta d-dettalji tiegħu li jidhru fuq id-dokumenti eżebiti bħala '**Dok JB1**' sa '**Dok JB5**' lill-attur appellat; u li
- d-*delivery* tħalliet San Ġiljan mal-kjamat in kawża **fuq struzzjonijiet tal-konvenut appellant stess**.

17. Din il-Qorti hi għalhekk sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi, il-fatt li l-kjamat in kawża iffirma għall-kunsinna tax-xogħol bl-ebda mod ma rrendih responsabbli għall-ħlas tal-istess.

18. In vista tas-suespost, l-anqas ma hija rilevanti r-raġuni għalfejn il-konvenut u l-kjamat in kawża ddeċidew jintraprendu xogħol bi sħab u jiftħu kont bankarju konġunt. F'kull każ, il-fatt li legalment kull sekwestru li kellu l-konvenut kien se jolqot ukoll il-kont konġunt li huwa kellu mal-kjamat in kawża, ma jfissirx li l-kjamat in kawża, lli mhux persuna legali, kien qiegħed jigdeb meta qal li ħareġ xi ċekkijiet f'ismu għaliex il-konvenut kien qallu jagħmel hekk minħabba xi sekwestri li kellu. Din mhix prova li dak li xehed il-kjamat in kawża mhuwiex attendibbli kif pretiż mill-appellant.

19. Isegwi għalhekk li t-Tibunal la għamel apprezzament erronju tal-fatti u tant anqas applika il-liġi erronjament kif allegat mill-konvenut appellant. Ir-relazzjoni kuntrattwali kienet bejn l-attur u l-konvenut Calleja. F'kull każ kwalsiasi ftehim li seta kien hemm bejn Calleja u Balzan Gera hu *res inter alios acta* għall-attur. L-akkwist sar minn Ludwig Calleja u m'hemmx prova li meta għamel l-ordni għarraf lill-attur li kien sħab ma' ħaddieħor u li dan il-ħaddieħor hu xerrej bħalu. Fil-fatt il-kontijiet u statements ħarġu f'isem il-konvenut biss.

20. Ladarba l-appell tal-konvenut huwa meqjus insostenibbli u qiegħed jiġi respint, ikun superfluwu li din il-Qorti tidħol fuq il-kwistjoni tal-inkonsistenza bejn l-aggravju tal-appellant u t-talba kontenuta fir-rikors tal-appell tiegħu eċċepita mill-kjamat in kawża.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti, tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant.**

**Peress li tqies li dan l-appell hu fieragħ, tikkundanna lill-konvenut Calleja sabiex iħallas l-ispejjeż tal-attur għal darbtejn.**

Anthony Ellul.